MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 650/2014

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Emiliya MILEVA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-10 ta' Settembru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' erba' mija disgha u tletin euro u hdax-il centezmi ta' euro [€439.11c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u tletin ewro u hdax-il centezmu (€439.11) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40081431 moghtija mis-socjeta attrici skont l-

annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fis-27 ta’ Settembru, 2014 u dan skond ma jirrizulta minn fol. 12 u li la ppreżentat risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-12 ta’ Novembru, 2014 (fol. 14) li permezz taghha cediet is-sorte izda zammetti ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ra li Charmaine Wiffen, raprezentanta tas-socjeta rikorrenti, iddikjarat bil-gurament li l-ammont reklamata mis-socjeta rikorrenti f’dawn il-proceduri thallas fil-11 ta’ Novembru, 2014 mill-intimata u ghalhekk wara li kienet giet intavolata t-Talba odjerna.

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young, ghas-socjeta rikorrenti talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez, liema talba, t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Permezz ta’ nota mressqa fit-12 ta’ Novembru, 2014, is-socjeta rikorrenti cediet is-sorte izda zammett ferm il-kap ta’ l-ispejjez. Skond ma gie dikjarat, l-intimata marret thallas lis-socjeta rikorrenti s-sorte minnha dovut fil-11 ta’ Novembru, 2014. Galadarba l-hlas sar wara l-prezentata tat-Talba, huwa xieraq u gust li l-intimata tbaghti l-ispejjez taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-Talba in vista tan-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-12 ta’ Novembru, 2014, qieghed jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti l-ispejjez kollha involuti f’dawn il-proceduri.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------